Ħbieb,

Din id-darba iddeċidejt li nikteb xi ħaġa fuq is-sigurta waqt li wieħed ikun qiegħed juża l'*internet*.

Importanti ħafna li toqgħod attent as-sigurta tal-*computer* tiegħek waqt li tkun qiegħed tuża l'*internet*. Jekk ma tieħux ċerti prekawzjonijiet tista tlaqqat xi *virus* jew jiġi installat *spyware* fis-sistema tiegħek mingħajr ma inti tinduna bieħ. Biex ikollok sigurta tajba waqt l'użu ta' l-*internet* trid tieħu ċertu prekawzjonijiet, u toqgħod attent il-ħin kollu. Jekk iżżomm dan f'moħħok tinduna li hemm ċertu *tips* li huma tajbin biex iżommulek is-sistema tiegħek nadifa kemm jista jkun. Dawn it-*tips* huma faċli biex timplimenthom, pero sfortunatament hawn ħafna li jinjorawhom.

1). Il-*Firewall*

Il-*Firewall* huwa *software* li tista tqabblu mal-bieb tad-dar tiegħek. Id-dar inti tiddeċiedi min jidħol u min joħroġ dment li żżomm il-bieb sigur. Bil-*firewall* tista tikkontrolla x'joħroġ u jidħol fil-PC tiegħek waqt l-użu ta' l-*internet*. *Tip* tajba ħafna hija li tuża il-*firewall* biex ma tħallix nies barranin jidħlu fis-sistema tiegħek u tista twaqqaf ukoll ċertu programmi mis-sistema tiegħek biex ma joħorġux. Il-*firewall* ikun issetjat *standard* ġeneralment fuq kull computer. Iċċekja li l-*firewall* tiegħek huwa attiv biex teħles ħafna problemi bla bżonn.

2). *Passwords.*

Fejn tidħol is-sigurta, il-*passwords* huma vitali biex ikollok sistema *safe*. Irid ikollok l-aċċess għall-*computer* tiegħek protett bil-*password* meta tixgħelu u jrid ikollok *passwords* separati għall kull *account* ġdid li tagħmel. *Password* b'saħħita trid tkun komposta minn taħlita ta' numri, ittri kapitali u ittri mhux kapitali (*Upper case* u *lower case*). Il-*passwords* huma *case sensitive* jiġifieri tagħmel differenza jekk tuża ittri kapitali jew le. Jeżisti *spyware software* li jiddeċifra il-*passwords*. Meta toħloq *password* ġdida qis li ma tkunx faċli biex tiġi iddeċifrata bħall ngħidu aħna xi isem jew data tat-twelid. *Il-password* għamilha twila, mhux inqas minn tmin karattri, u bla sens. Per eżempju 1Kb78Fds3L. Fejn taħdem il-mara tiegħi il-*password* jibdluha kull xahar.

3). *Encryted files.*

Ħaġa oħra importanti fejn għanda x'taqsam is-sigurta huma il-*files*, speċjalment personali, li għandek fis-sistema. Ħafna min nies ma jiħdux vantaġġ milli tofri is-sistema tal-*windows* billi jenkriptjaw (*Encrypt*) il-*files*, speċjalment dokumenti, taħħhom. Meta *file* jiġi *encrypted* il-kontenut tiegħu jiġi mħallat u imgerfex biex ikun diffiċli ħafna biex jiġi iddeċifrat. Jekk ċertu *files* speċifiċi ma jiġux *encryted*, hija ħaġa faċli għall *hackers* jaraw il-kontenut.

Biex tenkripja *file* u jkollok moħħok mistrieħ hija faċli ħafna. Uża il-*Windows Explorer*, mur fil-*folder* tad-dokumenti u ipponta il-*mouse* fuq *text file* per eżempju. Agħfas il-*key* tal-lemin u għażel *properties*. Mit-*tab general* agħżel *advanced* u immarka *encrypt contents to secure data.*

Jekk għandek xi *files* li s-sigurta tagħhom hija kunfidenzjali u jrid ikollok moħħok mistrieħ mija fil-mija tagħmilhomx fuq il-*computer* iżda għamilhom fuq *device* estern bħall ma hija *USB memory stick.*

4). Apdejtja (*Update*) *l'internet browser* regorali.

Skond l'istatistika, aktar minn nofs dawk li jużaw l'*internet*, jużaw *browsers* qodma. Dawn il-*browsers* jekk ma jkunux abdejtjati għall-aħħar *security threats* li jeżistu fuq l-*internet*, tkun espost biex il-*hackers* isibuha aktar facli biex jisirqu xi informazzjoni minn għandek. Iċċekja li l-*windows updates* huma attivati. Jekk il-*computer* tiegħek kull tant żmien qatt ma jsaqsik għall *windows updates* sinjal li mhumiex attivati. Attivhom immedjatament għax ikun hemm xi *security updates* importanti biex jiġu iddawnlowdjati.

5). Ipprotegi l-konnessjoni ma l-*internet.*

Tiskanta kemm għad hawn nies li fejn tidħol is-sigurta fuq l-*internet* ma jgħatu każ ta' xejn. Naħseb li taf li hawn xi nies li jħobbu jiġru bil-karozza u bil-*laptop* f'ħoġorhom biex isibu konnesjoni ma l-*internet* mingħajr sigurta. Dawn ikunu wara il-bieb ta' darek jużawlek l-*internet* mingħajr ma inti tinduna u jkunu qegħdin jisirqulek mid-*download limit* tiegħek. Jekk inti qiegħed tuża il-*wireless broadband*, faċli li jiġrilek hekk, għalekk kun ċert li għandek il-*key* tas-sigurta biex timpedixxi

dan l-abbuż. Idħol fir-*router* tiegħek u mur *security options*. Issettja *password* b'saħħita biex timpedixxi lill-ħaddieħor milli jużalek l-*internet*.

6). Apdejtja is-*sofware* ta' l-antivajrus.

Viri ġodda jiġu misjuba bis-sigħat, għalekk meħtieġ li tapdejtja l-*antivirus* tiegħek bejn wieħed u ieħor darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgħa. Jiena personalment nuża l-AVAST li jabtejtja ruħu waħdu kważi kull darba li nixgħel il-*computer*. Tirriskjax li tieħu xi nfezzjoni(vajrus) specjalment jekk inti tuża il-*computer* tiegħek għall *business*. Nissuġġerixxi li għall *business* ikollok xi PC mingħajr *internet*.

7). Skanja għall-*Viruses*.

Kif għandni kemm ktibt aktar il-fuq, tiskanta kemm għad hawn nies li ma jiskanjawx il-*computer* tagħhom regolarment. Jekk tuża l-*internet* ta spiss għandek bżonn tiskanja il-PC tiegħek regolarment. Jekk inti tuża il-PC aktar minn ħames siegħat kull jum, nissuggerilek biex tiskanja għall xi *virus* darba fil ġimgħa.

8). *Safe browsing.*

Huwa essenzjali li żżomm il-*computer* tiegħek sigur waqt li tkun qiegħed tuża l-*internet.* Jekk inti tħobb tidħol ġo *dodgy websites* ta spiss, tidħol fir-riklami u tara il-kontenut tkun qiegħed tesponi ruħek għall riskji kbar. Jekk inti dubjuż minn xi sit tidħolx!. Jekk taħseb li is-sit li qiegħed fuqa hija dubjuża oħroġ minnha immedjatament. Dejjem idħol ġo siti li huma *safe*. Dejjem uża *search engine* ta' reputazzjoni tajba u evita ir-riklami kemm jista jkun.

9). Oqgħod attent x'*downloads* tniżżel.

Il-*viruses* u li *spyware* jidħlu fill-PC tiegħek meta tiddawnlowdja minn siti kemm legali u kif ukoll illegali. Meta tkun se tiddawnlowdja xi ħaġa, dejjem skanja għall xi *virus* u iċċekja wkoll li l-*website* li qiegħed tuża hija reputabbli (reputable). Tista tagħmel dan billi tuża *search engine*. Ħaġa oħra importanti ħafna hija rigward siti li jużaw *file transfer* u il-*file sharing*. Dawn it-tipi ta *sites* għandek toqgħod b'sebgħa għajnejn minnhom.

10). Kompjuter nadif.

Meta qiegħed nikteb nadif irrid infisser nadif mis-*software* u nadif mill-*hardware.* Is-*software* ikun nadif meta il-PC ikun mingħajr *spyware, malware, viruses*, ir-*registry* imnadfa minn data bla bżonn etċ. Il-quddiem beħsiebni nikteb xi ħaga biex il-*computer* jiġi *fast* kemm jista jkun. Il-*hardware* huwa importanti daqs is-*software* u għandu jiġi imnaddaf ukoll. Nissuġġerixxi li darba fis-sena tnaddaf il-*computer* minn ġewwa mit-trab li jitrabba maż-żmien. Ixtri bott *spray* ta' l-arja biss. Dan faċli issibu mingħand tal-*computers*. Dan qiegħed apposta u mhux se tagħmel ħsara meta tużah. Bil-*computer* mitfi, iftaħ il-cover li tkun tidher il-*motherboard* bil-*cards* kollha ipplaggjati fiha, għatti ħalqek bill tuża maskra kontra t-trab u sprejja fuq il-komponenti kollha speċjalment fuq il-fannijiet għax dawn iżommu ħafna trab magħhom. Toqgħodx tibża, ħu azzjoni. Jiena nirraġuna hekk, la il-viti ma għandhomx siġill, qedin hekk biex jinħallu.

Illum se nieqaf hawn.

Saħħa...

John Felter.